

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/87

tas-17 ta' Jannar 2022

li taħtar erba' membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġionali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġionali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Matteo Luigi BIANCHI u t-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sa Arianna Maria CENSI, is-Sur Virginio MEROLA u s-Sa Virginia RAĠĠI saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Taljan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali għdid bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Matteo Luigi BIANCHI, *Consigliere del Comune di Varese* (Membru tal-Assemblea Lokali ta' Varese), is-Sa Arianna Maria CENSI, *Assessore del Comune di Milano* (Membru tal-Eżekuttiv Lokali ta' Milan) u s-Sa Virginia RAĠĠI, *Consigliere del Comune di Roma* (Membru tal-Assemblea Lokali ta' Ruma).
- (5) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Dario NARDELLA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali sal-25 ta' Mejju 2024, *Sindaco del Comune di Firenze* (Sindku ta' Firenze), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sa dik id-data.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni:

— Is-Sur Matteo Luigi BIANCHI, *Consigliere del Comune di Varese* (Membru tal-Assemblea Lokali ta' Varese), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,⁽¹⁾ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

- Is-Sa Arianna Maria CENSI, *Assessore del Comune di Milano* (Membru tal-Eżekuttiv Lokali ta' Milan), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,
- Is-Sur Dario NARDELLA, *Sindaco del Comune di Firenze* (Sindku ta' Firenze) sal-25 ta' Mejju 2024,
- Is-Sa Virginia RAĠĠI, *Consigliere del Comune di Roma* (Membru tal-Assemblea Lokali ta' Ruma), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. DENORMANDIE
